**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 51/2018/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Adrian Zammit**

Illum is-sitta (6) ta' Marzu 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Adrian Zammit**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 191395(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

talli f'dawn il-Gżejjer nhar is-26 ta' Frar 2017 u fid-disa' xhur ta' qabel din id-data:

1. biegħ jew xort'oħra ttraffika l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur ta' Artikolu 8(e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

3. kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati), liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

4. kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta), liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

5. ikkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club*, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur ta' Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

talli bejn is-sena 2015 u s-sena 2016 ġewwa dawn il-Gżejjer:

6. kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

talli nhar il-25 ta' Frar 2017 u t-tliet snin ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer:

7. kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati);

9. kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta

ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 Dwar Il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

u aktar talli:

10. ikkommetta reat waqt li kien taħt Ordni ta' *Probation* mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr. D. Clarke LL.D. nhar it-2 ta' Diċembru 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

11. ikkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija, liema sentenza ngħatat mill-Maġistrat Dr. F. Depasquale LL.D. nhar id-19 ta' Lulju 2016, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

12. sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

talli nhar l-1 ta' Diċembru 2016:

13. naqas li jirraporta ġewwa d-Depot tal-Furjana wara li ngħata l-ħelsien mill-kustodja taħt garanzija hekk kif provdut f'Artikolu 355AL tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Frar 2021, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 28A, 28B, 49 u 335AL(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 40A, 120A(1)(2)(b)(i)(ii), it-tieni *proviso* ta' Artikolu 120A(2)(b) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta,

Regolamenti 3 u 5 ta' Avviż Legali 22 tal-1985, Artikoli 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i), 22(2)(b)(ii) u t-tieni *proviso* ta' Artikolu 22(2)(b), u Taqsimiet 4 u 6 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolamenti 4 u 9 tal-Avviż Legali 292 tal-1939, u Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u:

- filwaqt li kkundannatu tmintax il-xahar priġunerija u multa ta' elf Euro (€1,000);

- b'applikazzjoni ta' Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, irrendiet eżekuttiva s-sentenza ta' xahar priġunerija mogħtija fil-konfront tal-imputat fid-19 ta' Lulju 2016;

- b'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imputat biex iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' seba' mija u sitta u disgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€796.50) rappreżentanti spejjeż inkorsi mal-ħatra tal-esperti;

- għażlet li ma titrattax mal-imputat għar-reat li dwaru kien tpoġġa taħt Ordni ta' *Probation* fit-2 ta' Diċembru 2016;

- ordnat il-konfiska tas-somma ta' seba' mija u erbgħin Euro (€740) eżebiti bħala Dok. "JC 12";

- ordnat d-distruzzjoni tal-kontenut ta' Dok. "JC 8", Dok. "JC 9", Dok. "JC 10" u Dok. "JC 11" u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur tal-Qorti li kellu jirrediġi Proċess Verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument kellu jiġi nserit fl-atti tal-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-1 ta' Marzu 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata billi filwaqt li* ***TIKKONFERMAHA*** *fejn sabitu ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-*

*tielet (3), tal-ħames (5), tas-sitt (6) u tat-tlettax (13) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu,* ***TĦASSARHA U TIRREVOKAHA*** *in kwantu għar-raba' (4), l-għaxar (10), il-ħdax (11) u t-tnax (12) imputazzjonijiet fejn minflok għandha tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentement tilliberah minnhom, u fin-nuqqas ta' dan* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi, fis-seduta tal-4 ta' April 2022 (*a fol.* 222 *et seq*.), din il-Qorti kif diversament preseduta laqgħet it-talba tal-appellant sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement irreferietu quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Rat in-Noti pprezentati mill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fis-26 ta' Lulju 2024 (*a fol.* 560), fit-23 ta' Awwissu 2024 (*a fol.* 561), fit-2 ta' Ottubru 2024 (*a fol.* 565), u fl-14 ta' Ottubru 2024 (*a fol.* 566) fejn il-Bord informa lil din il-Qorti li ma kienx sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-appellant u fejn għalaq il-każ tiegħu bħala wieħed mhux b'suċċess b'konsegwenza ta' liema, fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2025 (*a fol.* 568), din il-Qorti kif preseduta waqfet milli tibqa' tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-11 ta' Frar 2021.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija tiegħu fir-raba' (4), fl-għaxar (10), fil-ħdax (11) u fit-tnax (12) imputazzjoni billi tiddikjarah mhux ħati tagħhom u tilliberah minnhom. Fin-nuqqas ta' dan jitlob piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi l-fatti tal-każ jirrigwardaw sejbien ta' droga fuq il-persuna tal-appellant b'dana illi fl-14 ta' Ottubru 2016 il-Pulizija mill-Iskwadra ta' Kontra d-Droga wettqet spezzjoni ġewwa l-MCAST il-Mosta. Fuq il-persuna tal-appellant instabu xi *sachets* vojta kif ukoll droga tat-tip *cannabis*. L-appellant kien iddikjara li d-droga in kwistjoni kienet għal użu personali tiegħu u kien ingħata l-*police bail* iżda huwa naqas milli josserva l-kundizzjonijiet marbuta ma' tali *police bail*. Sussegwentement fis-26 ta' Frar 2017, l-appellant reġa' ġie arrestat, din id-darba f'Għawdex u fuqu nstabu pilloli suspettati *ecstasy*, xi *cannabis* maqsuma f'sitt pakketti kif ukoll nofs gramma kokajina. Fil-pussess tiegħu nstabet ukoll is-somma ta' seba' mija u erbgħin Euro (€740). Il-post fejn ġie arrestat l-appellant it-tieni darba kien viċin fejn kien ser isir *party*.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tliet aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu jkun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fid-29 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Victor Edward Cassar** (Numru 15/2003), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi dan l-aggravju tal-appellant jirrigwarda bażikament l-apprezzament tal-fatti li għamlet l-Ewwel Qorti. Issa kif ġie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta u anki kif illum preseduta, *"prinċipju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax faċilment l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, iżda*

*tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha."* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" 10.5.02 u oħrajn). Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx *"safe and satisfactory"* li tinstab il-ħtija addebitata lill-appellanti."

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi mressqa quddiemha fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni. Jisħaq li hemm diversi punti li l-Ewwel Qorti għażlet li jew tinjorahom jew ma temminhomx jew tassumihom mingħajr ebda prova. Jgħid li l-Ewwel Qorti straħet fuq il-fatt li l-ammont ta' droga kien maqsum fi tliet dożi u li kellu kokajina, *ecstasy* u *cannabis*. Jgħid li filwaqt li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-liġi l-pussess sempliċi tad-droga kokajina pero' hija naqset milli ġġib provi konklussivi li l-istess pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Illi l-appellant jisħaq li ma hemm l-ebda regola dwar liema ammont ta' droga jikkostitwixxi pussess li mhux għall-użu personali. Jgħid li l-Qorti ma tistax tistrieħ fuq l-ammont waħdu u jtenni li l-ammont waħdu mingħajr ċirkostanzi oħra li juru l-intenzjoni ta' spaċċ ma jistgħux iwasslu għal konklużjoni definittiva. Isemmi li l-ammont ta' kokajina li nstab fuqu, kien ferm żgħir, 0.3491 grammi, speċjalment tenut kont li huwa ammetta li jikkonsma ammont konsiderevoli ta' din id-droga.

Illi l-appellant jagħmel paragun bejn il-liġi Maltija u dik Ingliża fejn jispjega li trid tiġi ppruvata l-intenzjoni ta' spaċċ. Jispjega li ma nġiebet l-ebda prova oħra li turi din l-intenzjoni ta' spaċċ. Jgħid li aktar mill-kwantita ta' droga li tinsab fil-pussess tal-persuna jgħoddu ċ-ċirkostanzi li fihom tinstab. Jispjega li f'dan il-każ lanqas l-ammont ma kien indikattiv ta' spaċċ. Jisħaq li l-intenzjoni ta' spaċċ trid tirriżulta b'mod konkret u inekwivoku u

mhux sempliċement frott ta' konġetturi u suppożizzjonijiet. Isemmi li din l-intenzjoni qatt ma rriżultat fil-każ odjern. Jargumenta li hija l-Prosekuzzjoni li għandha tipprova l-intenzjoni ta' spaċċ lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u li f'dan il-każ dan ma seħħx.

Illi l-appellant jispjega li l-għan tal-leġislatur kien dak li jipprojbixxi li sustanza perikoluża tgħaddi minn id għal oħra u allura t-trasmissjoni tal-istess sustanza. Itenni li hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova *beyond reasonable doubt* permezz ta' ċirkostanzi fattwali li hu kellu l-intenzjoni jgħaddi d-droga lil ħaddieħor. Ikompli billi jagħmel riferenza għall-istqarrija rilaxxata minnu fejn huwa ammetta li kien jagħmel użu mid-droga u li għalhekk il-pussess ta' din id-droga hija kompatibbli mal-pussess għal użu personali.

Illi l-aggravju in eżami huwa bbażat fuq jekk il-Prosekuzzjoni ppruvatx l-intenzjoni tal-appellant li jispaċċa d-droga kokajina li kellu fil-pussess tiegħu. Dwar ir-raba' (4) imputazzjoni, fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti tgħid hekk (*a fol.* 147):

> "Illi fil-mument ta' l-arrest l-imputat kellu fil-pussess tiegħu 0.3491 gramma kokajina. Dan mhux ammont konsiderevoli pero' minn f'dak l-ammont hemm kważi tlett dożi[1]. Aktar minn hekk l-imputat ma kellux biss il-kokajina fil-pussess tiegħu imma anke *cannabis* u *ecstasy*. Tenut kont ta' dan u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha li fihom l-imputat instab fil-pussess tal-kokajina u tenut kont ukoll li l-imputat kellu fil-pussess tiegħu sebgħa mija u erbgħin Euro l-Qorti hija konvinta li, bħall-*cannabis* u l-*ecstasy*, l-kokajina ma kienitx għall-użu esklussiv ta' l-imputat."

Illi fis-sottomissjonijiet bil-fomm li nstemgħu quddiem din il-Qorti, wieħed mill-konsulent legali tal-appellant għamel riferenza

[1] "Dan qed jingħad għaliex skont il-European Drug Report doża tipika ta' kokajina hija bejn 0.100 u 0.200 grammi."

għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-16 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stiano Agius** (Numru 169/2018) u dana fir-rigward tal-intenzjoni tal-ispaċċ. Dwar dan, din il-Qorti tinnota li fl-istqarrija (Dok. "JC 4" – *a fol.* 23) rilaxxata mill-appellant fis-26 ta' Frar 2017, jirriżulta s-segwenti :

| | |
|---|---|
| Mistosija: | "Qed nurik *Evidence Bag* Nru. S00678458 li fiha *sachet* bi trab abjad suspettata kokajina li nstabet fil-but tal-ġakketta tiegħek ġewwa l-Għassa Rabat Għawdex li wara li ntieżnet quddiemek irriżulta li għandha piż ta' 0.581g. Xi tgħidli dwar dan?" |
| Tweġiba: | "Tiegħi u kokajina." |
| Mistoqsija: | "X'kont ser tagħmel bihom?" |
| Tweġiba: | "Le xejn aktar." |
| Mistoqsija: | "Din id-droga li sibnilek mingħand is-suwed xtrajtha?" |
| Tweġiba: | "Nieħu minnhom ovvja jekk insib il-bejgħ inbiegħ." [emfażi miżjuda] |

Illi mill-kliem sottolineat hawn fuq, li *del resto* qal l-appellant inniffsu, din il-Qorti tikkonkludi li t-tweġiba tiegħu ma kinitx limitata għal *cannabis* jew l-*ecstasy* biss imma kienet tinkludi wkoll id-droga kokajina fejn apparti li wieġeb li kien ser jieħu minnha qal ukoll li kien ibiegħ f'każ li jsib il-bejgħ! Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-intenzjoni ta' spaċċ tirriżulta b'mod ampjament ċar. Tenut kont ta' dan, l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni bil-konsegwenza li l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi fir-rigward tal-għaxar (10), il-ħdax (11) u t-tnax (12) imputazzjoni. Jisħaq li huwa għandu jiġi liberat minn dawn l-imsemmija imputazzjonijiet u dana minħabba li s-sentenzi li ġew eżebiti u li ġew ikkunsidrati bħala prova ma hemm xejn x'juri li ma kienux ġew appellati jew jekk għaddewx in ġudikat speċjalment tenut kont tal-fatt li r-Reġistratur ma tressaqx jixhed dwar dan il-fatt.

L-Għaxar (10) Imputazzjoni:
Illi fl-għaxar (10) imputazzjoni l-appellant allura imputat ġie akkużat li kkommetta reat li seħħ waqt li kien taħt Ordni ta' *Probation* mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fit-2 ta' Diċembru 2015. Dwar din l-imputazzjoni, din il-Qorti tinnota li quddiem l-Ewwel Qorti l-Prosekuzzjoni eżebiet s-sentenza in kwistjoni li ġiet immarkata bħala Dok. "JC 6" (*a fol.* 25 *et seq.*) minn liema jirriżulta li l-appellant allura imputat kien tpoġġa taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' tmintax il-xahar.

Illi dwar l-imputazzjoni in eżami din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-16 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Xuereb** (Numru 615/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "48. Illi l-appellant jilmenta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħet qatt issib ħtija tal-ksur tal-Ordni tal-*Probation* magħmula *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għar-raġuni illi ma ġiex ippruvat mill-Prosekuzzjoni jekk din l-ordni kienetx għadha fis-seħħ fil-mument illi ngħatat is-sentenza kontra l-appellant fil-kawża fl-ismijiet premessi. Jibda biex jingħad illi din it-tielet imputazzjoni hija msejsa fuq il-ksur ta' Ordni ta' *Probation* mogħtija permezz ta' sentenza datata 22 ta' Mejju 2018 li tinsab f'paġna 28 tal-proċess fl-ismijiet premessi.
>
> 49. Dwar dan il-punt, l-appellant għandu raġun. Il-ġurisprudenza tgħallem li sabiex din l-imputazzjoni

> tirnexxi hija l-Prosekuzzjoni li jeħtieġilha tipprova sal-grad rikjest mil-Liġi illi s-sentenza esebita fil-proċess kienet saret *'res iudicata'* jew ma sarx appell minnha jew li l-appell mar deżert.[2] Altrimenti jekk is-sentenza ma tkunx finali ma jistax jingħad li r-reat ikun sar waqt il-perjodu tal-Ordni tal-*Probation*. F'dan il-każ, din il-prova ma tressqitx u b'hekk ma ġiex sodisfatt dan ir-rekwiżit. Huwa minnu li f'dawn l-atti xehdet Charisse Boffa li, fil-kapaċita' tagħha ta' Uffiċjal tal-*Probation* stqarret li hija kienet qegħda ssegwi lill-appellant fuq l-Ordni tal-*Probation* maħruġa bis-sentenza tat-22 ta' Mejju 2018. Iżda bid-dovut rigward għall-Prosekuzzjoni, din hija prova sekondarja u mhux l-aħjar prova li fil-fatt is-sentenza *de quo* kienet sentenza finali."

Illi mill-atti proċesswali tal-każ li għandha quddiemha din il-Qorti minn imkien ma jirriżulta jekk l-appellant allura imputat ikkomettiex reat waqt l-Ordni ta' *Probation* mogħtija fit-2 ta' Diċembru 2015 u dana qed jingħad fid-dawl tal-insejament tas-sentenza li ġiet ċitata hawn fuq u li din il-Qorti tagħmel tagħha. Għaldaqstant l-aggravju in eżami qed ikun milqugħ fir-rigward tal-għaxar (10) imputazzjoni u b'hekk isegwi li l-appellant ser jiġi liberat mill-imsemmija imputazzjoni.

<u>Il-Ħdax (11) Imputazzjoni</u>:
Illi fil-ħdax (11) imputazzjoni l-appellant allura imputat ġie akkużat li kkommetta reat punibbli waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija li ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-19 ta' Lulju 2016. Mill-atti proċesswali jirriżulta li quddiem l-Ewwel Qorti l-Prosekuzzjoni eżebiet s-sentenza in kwistjoni li ġiet immarkata bħala Dok. "JC 7" (*a fol.* 27) minn liema jirriżulta li l-appellant allura imputat kien ġie kkundannat xahar priġunerija li *ai termini* ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġie sospiż għal sentejn.

[2] "Ara fost oħrajn sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Ellul u omissis** mogħtija minn din il-Qorti kif preseduta nhar it-23 ta' Ġunju 2020."

Illi rigward il-ħdax (11) imputazzjoni, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-16 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Leslie Farrugia et** (Numru 586/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"67. Illi biex tirnexxi din l-imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni trid:

(a) tipproduċi kopja awtentika tas-sentenza li minnha titnissel il-piena ta' priġunerija fil-forma sospiża mogħtija *ai termini* tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali;

(b) trid issir il-prova tal-identita' tal-appellant bħala li tkun taqbel mal-identita' tal-persuna li tkun ġiet kundannata l-piena ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha. Din tista' ssir billi:

(i) jixhed dak li kien l-uffiċjal prosekutur fil-kawża deċiża u jikkonferma l-identita' tal-imputat f'dik il-kawża bħala li jkun identiku għal dik tal-persuna imputata fil-proċeduri li jkunu għad iridu jiġu deċiżi, **jew**

(ii) billi tiġi preżentata prova biċ-ċertifikat tat-twelid **jew**

(iii) billi jkun hemm indikazzjoni uffiċjali tal-karta tal-identita' jew

(iv) billi jkun hemm indikazzjoni minn dokument ieħor uffiċjali li minnu tkun tirriżulta l-identita' tal-imputat

(v) **jew** il-konnotati tal-imputat li jkun ġie misjub ħati preċedentement li jkunu imsemmija fis-sentenza awtentika

prežentata jirriżultaw li jkunu identiċi mal-konnotati tal-persuna imputata kif ikunu jirriżultaw fil-proċess oriġinali u

(c) trid tressaq il-prova li fid-data tal-kommissjoni tar-reati li ġie mixli bihom f'dawn il-proċeduri, il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża kien għadu fis-seħħ;

(d) u li dik is-sentenza kienet sentenza li kienet definittiva u mhux sentenza li kienet għadha b'xi mod *sub iudice*;

(e) ir-reat li bih ikun qiegħed jiġi mixli l-imputat bħala li twettaq fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża jrid ikun tali li jinkorri piena ta' priġunerija fil-każ ta' sejbien ta' ħtija."

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fis-sentenza hawn fuq ċitata, li din il-Qorti tagħmlu tagħha peress li taqbel miegħu, inkluż il-fatt li mill-atti proċesswali ma jirriżultax jekk is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-19 ta' Lulju 2016 (Dok. "JC 7" – *a fol.* 27) hijiex definittiva jsegwi li l-aggravju in eżami qed ikun milqugħ ukoll fir-rigward tal-ħdax (11) imputazzjoni u b'hekk isegwi li l-appellant ser jiġi liberat mill-imsemmija imputazzjoni.

<u>It-Tnax (12) Imputazzjoni</u>:
Illi fit-tnax (12) imputazzjoni l-appellant allura imputat ġie akkużat li sar reċidiv b'sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula. Mis-sentenza appellata jirriżulta li fir-rigward ta' reċidiva l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni <u>biss</u> is-sentenza ta' priġunerija t-terminu ta' liema ġie sospiż ossia dik mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-19 ta' Lulju 2016 (Dok. "JC 7" – *a fol.* 27). Meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad minn din il-Qorti aktar 'il fuq f'din is-sentenza fir-rigward tal-ħdax (11) imputazzjoni jirriżulta li anke l-aggravju in

eżami għandu jkun milqugħ ukoll fir-rigward tat-tnax (12) imputazzjoni li jfisser li l-appellant ser ikun liberat minn din l-imputazzjoni.

Illi b'hekk isegwi li t-tieni aggravju tal-appellant qed ikun milqugħ *in toto.*

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tielet aggravju</u> tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu. L-appellant jisħaq li l-piena ta' priġunerija u multa hija waħda eċċessiva. Huwa jgħid li l-piena ma għandhiex isservi sabiex titpatta l-ħsara li tkun ġarrbet il-vittma jew mill-familja tagħha kawża tas-sinistru. Ikompli li l-għan huwa li jkun hemm rimedju retributtiv aktar minn wieħed ristorattiv. Jgħid li meta wieħed iħares lejn il-piena erogata mill-Ewwel Qorti wieħed jinnota li ma nħoloqx bilanċ bejn l-element riformattiv u dak retributtiv. Jispjega li minkejja li l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija fi stadju ta' stqarrija u l-ko-operazzjoni mal-Pulizija tenut kont ta' dan hija kien messha erogat piena aktar ekwa u ġusta.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant allura imputat tmintax il-xahar priġunerija u multa ta' elf Euro (€1,000) u dana apparti li rrendiet eżekuttiva s-sentenza ta' xahar priġunerija mogħtija fil-konfront tiegħu fid-19 ta' Lulju 2016.

Illi meħud in konsiderazzjoni tal-fatt li din il-Qorti laqgħet it-tieni aggravju tal-appellant bil-konsegwenza li huwa ser jiġi liberat mill-għaxar (10), mill-ħdax (11) u mit-tnax (12) imputazzjoni jirriżulta li ser ikun hemm temperament fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant b'mod partikolari dik il-parti tas-sentenza appellata fejn irrendiet eżekuttiva s-sentenza ta' priġunerija li kienet ġiet sospiża. Apparti minn dan, fir-rigward tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti, mis-sentenza appellata jirriżulta li fir-rigward tal-għaxar (10) imputazzjoni li l-Ewwel Qorti sabitu ħati tagħha (u li din il-Qorti ser tilliberah minnha) li l-Ewwel Qorti għażlet li ma titrattax mal-appellant allura imputat għar-reat li dwaru kien tpoġġa taħt Ordni ta' *Probation* u dana apparti l-fatt li fir-rigward tat-tnax (12) imputazzjoni ossia dik li tirrigwarda reċidiva (li din il-Qorti ser tilliberah minnha), li l-Ewwel Qorti qieset lill-appellant reċidiv biss ai fini ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għal kull buon fini jingħad li quddiem din il-Qorti wieħed mill-konsulenti legali tal-appellant saħaq li minn Gunju 2024 l-patroċinat tiegħu beda jsegwi programm residenzjali tal-Caritas kontra l-vizzju tad-droga ġewwa San Blas u li qed ikun segwit u li sejjer tajjeb ħafna. Dwar dan din il-Qorti tinnota li minkejja li mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellant anqas kellu l-ħeġġa neċessarja sabiex jispiċċa b'suċċess il-proċess quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga u dana minkejja li din il-Qorti laqgħet it-talba tiegħu sabiex hija tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, liema talba ġiet revokata wara li l-Bord imsemmi għalaq il-każ tal-appellant bħala wieħed mhux suċċess pero' fl-istess waqt din il-Qorti ma tistax ma tinnutax dak li ngħad minnha fil-paragrafu preċedenti nkluż il-fedina penali tal-appellant li ma jistax jingħad li hija waħda refrattarja ħafna. Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tnaqqas it-tmintax il-xahar priġunerija li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant b'dan illi din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tnaqqas il-multa ta' elf Euro (€1,000). B'hekk isegwi li t-tielet aggravju tal-appellant qed ikun milqugħ bil-mod kif hawn fuq imsemmi.

Illi l-appellant għandu jifhem li jekk verament irid ibiddel ħajtu, huwa għandu **verament** jagħmel l-isforzi kollha tiegħu sabiex jibdel ħatju. Din il-Qorti tagħtu opportunita' tad-deheb meta assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga bil-konsegwenza ta' liema, kieku l-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga għalaq il-każ tiegħu b'suċċess, kieku huwa seta' jibbenifika minn piena ferm u ferm aħjar għalih.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Adrian Zammit u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-ħames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7), tat-tmien (8), tad-disa' (9), u tat-tlettax (13) imputazzjoni;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-għaxar (10), tal-ħdax (11) u tat-tnax (12) imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux ħati tagħhom u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward tal-imputazzjonijiet imsemmija;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat tmintax il-xahar priġunerija u minflok tikkundannah erbatax (14)-il xahar priġunerija;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat multa ta' elf Euro (€1,000);

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn b'applikazzjoni ta' Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta rrendiet eżekuttiva s-sentenza ta' xahar priġunerija mogħtija fid-19 ta' Lulju 2016;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn b'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannat lill-appellant biex iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' seba' mija u sitta u disgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€796.50) rappreżentanti spejjeż inkorsi mal-ħatra tal-esperti;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn għażlet li ma titrattax mal-appellant għar-reat li dwaru kien tpoġġa taħt Ordni ta' *Probation* fit-2 ta' Diċembru 2016;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat il-konfiska tas-somma ta' seba' mija u erbgħin Euro (€740) eżebiti bħala Dok. "JC 12";

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat id-distruzzjoni tal-kontenut ta' Dok. "JC 8", Dok. "JC 9", Dok. "JC 10" u Dok. "JC 11" u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur tal-Qorti li għandu jirrediġi Proċess Verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti tal-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**